MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2012

Talba Numru. 832/2011

**GO p.l.c. (C-22334)**
**Vs**
**Christine Anne Holt (K.I. 37943A)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu gie premess illi l-konvenuta ghandha taghti lis-socjeta' attrici, s-somma ta' tlett mija disgha u tmenin ewro sitta u ghoxrin centezmu (€389.26) skont prospett mmarkat Dok A anness ma l-Avviz tat-Talba, liema ammont huwa dovut in konnessjoni mas-servizz televiziv, numru tal-kont A/C80021574, moghtija mis-socjeta' attrici u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza; illi l-konvenuta giet interpellata sabiex thallas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza; bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie pprezentat kapitolu fit-23 t' April, 2012 mill-Avukat Ingrid Zammit Young u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenuta naqset milli tipprova l-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' tlett mija disgha u tmenin ewro sitta u ghoxrin centezmu (€389.26) u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------